# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Settembru 2021**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 453/16 JVC**

**Matthew Grech**
*(K.I. nru: 241886(M))*
*'Heaven', Triq San Mikiel, Il-Mellieha*

**vs**

**Clint La Rosa**
**(**K.I. nru. 538587(M))
*'Welcome Auto Dealer', Triq Mimosa, Il-Pieta';* u

**Welcome Auto Dealer Limited**
*(C64346),*
*'Welcome Auto Dealer', Triq Mimosa, Il-Pieta'*

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent Matthew Grech ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

'<u>Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza</u>

1. Lejn it-tmiem tas-sena 2014, il-partijiet ftiehmu illi r-rikorrenti jixtri u jircievi minghand l-intimati jew min minnhom il-vettura tal-ghamla Pontiac Firebird Transam Supercharged 1973 ghall-prezz ta' €32,000, u bl-istess kundizzjonijiet precedentement miftehma, u cioe illi l-hlas kien jikkomprendi l-prezz tal-vettura, il-kunsinna tal-istess, kif ukoll kwalunkwe spejjez u/jew prezzijiet ghax-xoghlijiet ta' rinovazzjoni u modifikazzjoni illi kellhom isiru mill-intimati jew min minnhom biex ir-rikorrenti jircievi l-vettura inkluz illi din tigi konformi mal-istandards u l-ligijiet ta' Malta biex tkun tista' tinstaq gewwa Malta. Billi din il-vettura kellha tingieb mill-esteru, fuq dan l-ammont, l-esponenti hallas (b'pagamenti f'jiem differenti) b'kollox is-somma ta' €27,000 bhala depozitu. Gie miftiehem illi l-bilanc jithallas mal-konsenja tal-vettura lir-rikorrenti f'Malta.

2. Il-vettura waslet f'Malta f'Mejju 2015. S'intendi kien ghad jehtigilha jsirulha x-xogholijiet pattwiti kif inghad hawn fuq, liema xogholijiet, sa Frar 2016, kienu ghadhom ma sarux.

3. Il-vettura giet sussegwentement ikkunsinnata lir-rikorrenti fl-10 ta' Marzu 2016. L-istess vettura giet hekk kunsinnata b'difetti serji fl-istess, liema difetti uhud minnhom ma kinux u ma setghux ikunu immedjatament evidenti ghar-

rikorrenti, u ohrajn li rrendew il-vettura mhux konformi mal-ispecifikazzjonijiet precedentement miftehma hawn fuq riferiti. Dawn id-difetti ghamlu lil din il-vettura mhux tajba ghall-uzu illi ghaliha kienet mahsuba  u akkwistata.

4. Dawn id-difetti u inkonformitajiet  fl-ispecifikazzjonijiet ma gewx u ma setghux jigu maghrufa qabel ma saret l-ispezzjoni fuq il-vettura in kwistjoni dakinhar tal-kunsinna lir-rikorrenti, u cioe' fl-10 ta' Marzu 2016.

5. Dan kollu ikkawza danni lill-esponent, u dan kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Hekk kif ir-rikorrenti gab il-permess a konjizzjoni tal-intimati, l-intimat Clint La Rosa istitwixxi talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar kontra r-rikorrenti ghall-bilanc fuq imsemmi (Talba nru. 124/16 DMA), liema rikorrenti qieghed jikkontesta, *inter alia,* ghall-istess ragunijiet tar-rikors guramentat odjern.

7. Ir-rikorrenti Matthew Grech jaf b'dawn il-fatti kollha personalment.

<u>Raguni ghat-Talba</u>

1. Ghaldaqstant kellhom jigu istitwiti dawn il-proceduri.

<u>Talbiet</u>

Jghidu ghalhekk l-intimati jew min minnhom, 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-vettura mibjugha lir-rikorrenti, cioe` dik tal-ghamla Pontiac GTO Coupe 1974, kienet afflitta minn difetti, fosthom dawk li ma setghux jidhru illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba;

2. Tiddikjara inoltre illi l-intimat jew min minnhom kisru l-kundizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet dwar il-bejgh u l-kunsinna tal-vettura tal-ghamla Pontiac GTO Coupe 1974.

3. Tirrixxendi l-bejgh tal-istess vettura, u konsegwentement tawtorizza lir-rikorrenti jrodd lill-intimati jew min minnhom il-vettura tal-ghamla Pontiac GTO Coupe 1974, b'dana pero' illi fl-istess waqt tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iroddu lir-rikorrenti s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf euro (€27,000) ossia d-depozitu imhallas mir-rikorrenti lill-intimati jew min minnhom;

4. Tiddikjara illi r-rikorrenti ghandhom iwiegbu ghad-danni, mgarrba mir-rikorrenti htija tal-intimati jew min minnhom kif fuq intqal, tillikwida l-istess danni, u tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu d-danni u spejjez hekk likwidati.

Bl-imghax legali minn meta sar dovut u bl-ispejjez, kontra l-intimati jew min minnhom, illi jinsabu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Welcome Auto Dealer Ltd u Clint La Rosa li taqra kif isegwi:

'**<u>Ghar-rigward Welcome Auto Dealer Ltd. C 64346</u>**

1. Illi preliminarjament l-esponenti Welcome Auto Dealer Ltd. C 64346 m'ghanda ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u dan billi, *inter alia*, qatt ma kienet konrajenti, bil-kontra ta' dak allegat. Dan kif jirrizulta kemm mid-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti kif ukoll mill-fatt li fis-7 ta' April 2016 giet intavolata kawza fl-ismijiet Clint La Rosa vs Matthew Grech 124/16/DMA fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar differita ghall-14 ta' Gunju 20166 abbazi tal-fatt li wara Clint La Rosa ttrasferixxa l-vettura mertu ta' dawn il-proceduri kien ghad fadal bilanc x'jithallas. Din l-azzjoni ma tresqietx minn Welcome Auto Dealer C 64346;

2. Illi fil-fatt Welcome Auto Dealer Ltd. C 64346 m'ghandha ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti Matthew Grech tant li anke' l-istes Matthew Grech ma kienx konvint minn dan u ppresenta l-kawza tieghu kontra zewg persuni sabiex min minnhom jigi ddikjarat responsabbli ihallas l-ammont mitlub;

**<u>Ghar-rigward Clint La Rosa ID 538587(M) u bla pregudizzju ghal dak fuq espost Welcome Auto Dealer Ltd C 64346</u>**

3. Illi preliminarjament l-azzjoni kif kontemplata hija fuori termini u ghalhekk preskritta ai termini ta' l-artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghal dak fuq riferit l-azzjoni hija impoponibbli peress li f'dan il-kaz ir-rikorrent eskluda kull garanzija ta' difett latent u subordinatament f'dan il-kaz, lanqas jezistu l-estremi tal-garanzija billi l-kuntratt huwa wiehed *sui generis* u dan kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq riferit ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza li kwalsiasi allegati difetti dawn ma kienux latent;

6. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq riferit id-difetti allegati mhux ta' natura li jimmeritaw l-effetti mitluba u dan kif jirrikjedi l-artikolu 1424 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq riferit ghar-rigward it-talba ghad-danni din hija ukoll improponibbli billi ma jezistux l-estremi tal-artikolu 1429 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq riferit nhar il-Hamis 7 ta' April 2016 giet intavolata kawza fl-ismijiet Clint La Rosa vs Matthew Grech 124/16/DMA fit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar differita ghall-14 ta' Gunju 2016 abbazi tal-fatt li Clint La Rosa akkwista din il-vettura ghar-rikorrent u li hija mertu ta' dawn il-proceduri kien ghad fadal bilanc x'jithallas. F'din il-kawza ser jinstema' l-mertu ta' din il-kawza;

9. Illi bil-kontra ta' dak li qed jinghad fir-rikors promotur il-vettura hija fil-fatt fi stat tajjeb; u b'hekk m'hemmx htiega li jigi mhassar il-bejgh;

10. Illi fil-fatt din il-vettura ilha li wasslet Malta f'Mejju 2015 u r-rikorrent kien l-ewwel persuna li saqha f'Malta u mal-wassla taghha hu wettaq ispezzjoni fuq l-istess flimkien ma persuna teknika tieghu kif ser jidher waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

11. Illi di piu` m'hemmx danni li ghandhom jigi/u kkundannati l-intimati jhallsu u dan billi l-intimat dejjem agixxa bl-ahjar

mod possibli u segwa diligenza stretta f'dak li gie mqabbad jaghmel u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

12. Illi fuq kollox it-talbiet tar-rikorrent huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit jrid r-rikorrent jgib prova ta' dak allegat, *inter alia*, prova tad-danni u l-*quantum* tieghu;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.'.

Rat l-affidavits, xiehda, ex-parte motor vehicle damage report, traskrizzjoni tal-konversazzjonijiet, ritratti, rapport, domandi in eskussjoni, videos, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' Lulju, 2016 il-Qorti kif diversament preseduta ordnat l-inverzjoni tal-provi sabiex tigi trattata u deciza t-tielet (3) eccezzjoni tal-intimati;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Ottubru, 2016 saret annotazzjoni datata 2 ta' Novembru, 2016 fejn permezz taghha l-Qorti kif diversament preseduta nnominat lil Natalino Agius bhala espert ukoll f'din il-kawza sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tar-rikorrenti u l-eccezzjonijiet sollevati bil-fakulta' li jisma' x-xiehda tal-partijiet;

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Ottubru, 2017 fuq talba ta' Dr Carlos Bugeja l-Qorti laqghet it-talba u varjat id-digriet tas-6 ta' Ottubru, 2016 fis-sens li l-Perit Tekniku Natalino Agius ghandu jillimita ruhu sabiex jirrapporta dwar il-kundizzjoni tal-vettura u dwar jekk jistax jikkonstata difetti f'din il-vettura u dwar jekk dawn id-difetti jistghux ikunu maghrufa lix-xerrej prospettiv;

Rat illi fil-verbal tat-8 ta' Frar, 2018 il-Qorti kif diversament preseduta rrevokat b'effett immedjat in-nomina ta' Natalino Agius

u ordnat li jirritorna l-inkartament kollu fi zmien ghaxart ijiem taht sanzjoni ta' disprezz;

Rat illi permezz ta' digriet datat 16 ta' Frar, 2018 a fol. 245 *et seq* tal-process il-Qorti kif diversament preseduta wara li tkellmet mal-Perit Tekniku Natalino Agius, qieset li kellu ragunijiet serji li jiggustifika d-dewmien tieghu u fic-cirkostanzi rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tat-8 ta' Frar, 2018 filwaqt li regghet appuntatu sabiex jirrelata dwar il-kundizzjoni tal-vettura u dwar jekk jistax jikkonstata difetti fiha, u dwar jekk dawn id-difetti setghux ikunu maghrufa lix-xerrej prospettiv;

Rat illi fil-verbal tat-22 ta' Frar, 2018 il-Qorti kif diversament preseduta wara li semghet id-difensuri tal-partijiet rigward id-digriet tas-16 ta' Frar 2018, ipprecizat li l-Perit Tekniku ghandu jillimita ruhu biex jikkonstata l-hsarat li ra fil-karozza in kwistjoni u jieqaf hemm;

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Ottubru, 2019 il-partijiet infurmaw lill-Qorti kif preseduta li l-provi kienu qed jingabru fuq kollox u sa fejn jafu huma l-provi ma gewx invertiti ghax tressqu l-provi tal-attur u sar ukoll rapport mill-espert Natalino Agius. Il-Qorti f'dak l-istadju rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u ordnat li l-provi jkomplu jinstemghu fuq il-mertu kollu u tinghata sentenza wahda;

Rat illi fil-verbal datat 30 ta' Marzu, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur Matthew Grech jippremetti li huwa kien ftiehem mal-intimati Clint La Rosa u Welcome Auto Dealer Limited sabiex jixtri u jakkwista vettura tal-ghamla Pontiac Firebird Transam Supercharger 1973 ghall-prezz ta' €32,000. Sussegwentement bi qbil bejniethom kien gie miftiehem li tinxtara l-vettura tal-ghamla Pontiac GTO Coupe 1974 u dan ghall-istess prezz ta' €32,000, liema prezz kien jikkomprendi fih il-prezz tal-vettura, il-kunsinna tal-istess peress li kienet l-esteru, kif ukoll kwalunkwe spejjez u/jew prezzijiet ghax-xogholijiet ta' rinovazzjoni u modifikazzjoni li kellhom isiru mill-intimati biex l-imsemmija vettura tigi konformi mal-istandards u l-ligijiet ta' Malta biex tkun tista tinstaq. Ir-rikorrent jghid li kien hallas is-somma ta' €27,000 bhala depozitu u l-bilanc kellu jithallas mal-kunsinna tal-vettura. Isostni izda li meta l-vettura giet ikkunsinnata rrizulta li kellha diversi difetti serji, liema difetti whud minnhom ma setghux ikunu mmedjatament evidenti, u ohrajn irrendew il-vettura mhux konformi mal-ispecifikazzjonijiet elenkati precedentement.

Ir-rikorrent ghalhekk ipproceda bl-intavolar tal-kawza odjerna fejn talab li jigi dikjarat li l-imsemmija vettura Pontiac GTO Coupe 1974 hija afflitta minn difetti fosthom dawk li ma setghux jidhru li jrenduha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba. Talab ukoll li l-Qorti tiddikjara li l-intimati jew minn minnhom kisru l-kundizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet dwar il-bejgh u l-kunsinna tal-vettura u tirrexxindi l-bejgh tal-istess vettura u konsegwentement tawtorizza lir-rikorrent irodd lura lill-intimati l-vettura filwaqt li l-intimati jigu kundannati jhallsu lura lir-

rikorrent is-somma mhallsa ta' €27,000. Finalment ir-rikorrent talab li l-Qorti tiddikjara li r-rikorrenti (jirrizulta li sar *lapsus calami* da parte tar-rikorrent fejn kellha tigi l-intimati) iwiegbu ghad-danni mgarrba u tillikwida tali danni u tordna lill-intimati jhallsu d-danni u spejjez hekk likwidati.

Illi da parti taghhom l-intimati wiegbu permezz ta' risposta guramentata ntavolata nhar it-28 ta' Gunju, 2015. Is-socjeta' intimata Welcome Auto Dealer Limited (C64346) wiegbet preliminarjament li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent dan kif jirrizulta mid-dokumenti, kif ukoll mill-fatt li fis-7 ta' April, 2016 giet intavolata kawza fl-ismijiet inversi Clint La Rosa -vs- Matthew Grech u s-socjeta' intimata ma tirraffigurax fl-imsemmija kawza. Issostni li fil-fatt hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent Matthew Grech tant li lanqas ir-rikorrent Matthew Grech ma kien konvint u ghalhekk ipprezenta l-kawza kontra z-zewg partijiet sabiex min minnhom jigi dikjarat responsabbli ihallas l-ammont mitlub.

Illi ulterjoment l-intimati Clint La Rosa et eccepew preliminarjament li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Preliminarjament ukoll u bla pregudizzju eccepew li l-azzjoni hija mproponibbli peress li f'dan il-kaz ir-rikorrent eskluda kull garanzija ta' difetti latent u subordinatament lanqas jezistu l-estremi tal-garanzija billi l-kuntratt huwa wiehed *sui generis*. Fil-mertu eccepew li kif ser jigi ppruvat kwalsiasi difetti ma kinux latenti. Eccepew ulterjorment wkoll li d-difetti allegati m'humiex ta' natura li jimmeritaw l-effetti mitluba u dan kif jirrikjedi l-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u wkoll li t-talba ghad-danni hija improponibbli billi ma jezistux l-estremi tal-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili. Eccepew li fis-7 ta'

April, 2016 giet istitwita kawza fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet Clint La Rosa -vs- Matthew Grech abbazi li La Rosa akkwista l-vettura ghar-rikorrenti u kien ghad fadal bilanc x'jithallas. Isostni li bil-kontra ta' dak li kien qieghed jigi allegat, il-vettura kienet fi stat tajjeb u b'hekk m'hemmx htiega li jigi mhassar il-bejgh. Il-vettura ilha li waslet Malta minn Mejju 2015 u r-rikorrent kien l-ewwel persuna li saqha Malta u wettaq spezzjoni fuq l-istess minn persuna teknika tal-fiducja tieghu. Gie wkoll eccepiet li ma hemmx danni x'jigu kkundannati u dan stante li l-intimat La Rosa dejjem agixxa bl-ahjar mod possibbli u segwa diligenza stretta f'dak li gie mqabbad jaghmel. Finalment eccepixxa li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit ir-rikorrenti jrid igib prova ta' dak allegat *inter alia* prova tad-danni u l-*quantum* tieghu.

**<u>Eccezzjoni preliminari tas-socjeta' intimata Welcome Auto Dealer Limited – mhux legittimu kontradittur:</u>**

Is-socjeta' intimata Welcome Auto Dealer eccepiet preliminarjament li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti Matthew Grech u li skont hi dan jirrizulta mid-dokumenti fl-atti, kif ukoll mill-fatt li meta giet istitwita kawza fl-ismijiet inversi u cioe' Clint La Rosa -vs- Matthew Grech ghall-hlas ta' bilanc tal-ammont dovut, is-socjeta' Welcome Auto Dealer Limited ma ddahlitx fil-kawza.

Illi l-Qorti mmedjatament tinnota li din l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata ma tregix stante li fl-atti gie prezentat il-ftehim bejn il-partijiet datat 13 ta' Dicembru, 2014 ntitolat 'Deposit & Agreement Form' a fol. 225 tal-process. Minn dan id-dokument jirrizulta li l-ftehim sar ma' Welcome Auto Dealer u mhux kif allegat minn l-intimat Clint La Rosa li l-ftehim sar mieghu. Di fatti bhala

intestatura tal-ftehim hemm annotat il-kliem b'ittri kbar: '**<u>WELCOME AUTO DEALER</u>**'.

Mhux biss, fl-atti gie esebit ukoll ftehim bejn l-istess partijiet li jidher li mhux datat li izda jidher li sar sabiex tigi stabilita data fissa ghat-tlestija tax-xoghlijiet ta' restawr fuq il-vettura (fol. 211 tal-process). Bl-istess mod bhad-dokument precedenti, bhala intestatura jindika '***<u>WELCOME AUTO DEALER LTD</u>***' u jiddisponi li:

> 'This document is to verify that Pontiac gto shall be completed from its refurbishment by not later than the 30th of January 2016 if not money shall be reimbursed to client.'

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-kopja tal-'logbook' esebit fl-atti li wkoll juri bhala sid il-vettura s-socjeta' intimata (ara fol. 222).

Isegwi ghalhekk li r-rikorrent Matthew Grech kien legalment korrett li ntavolat l-kawza odjerna wkoll fil-konfront tas-socjeta' intimata Welcome Auto Dealer Limited. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>Eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta):</u>**

L-intimati jeccepixxu li l-azzjoni hija *fuori termine* u cioe' preskritta ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili. Fin-nota ta' sottomissjonijiet jelaboraw billi jsostnu li l-vettura waslet Malta f'Mejju tas-sena 2015. Jissottomettu li r-rikorrent saq, spezzjona u ha l-vettura personalment ghat-tiswija b'dan li skonthom ir-rikorrent ghandu jigi meqjus li rcieva l-konsenja tal-vettura

dakinhar. Izidu li l-kawza giet istitwita fis-6 ta' Gunju, 2016 fejn l-ebda ittra ufficjali ma gietipprezentata precedentement u ghalhekk l-azzjoni hija preskritta.

Illi l-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqra kif isegwi:

> '1431. (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.
>
> (2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.
>
> (3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2).'

Illi l-kaz odjern jitratta dwar mobbli u cioe' vettura tal-ghamla Pontiac GTO Coupe 1974. Ai fini tas-sub-artikolu 1 tal-artikolu kwotat, l-azzjoni tigi preskritta bl-eghluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha. Isegwi ghalhekk li l-kwistjoni ddur dwar meta fil-fatt kienet id-data tal-kunsinnja tal-vettura lir-rikorrent Matthew Grech.

L-intimati jargumentaw li l-konsenja tal-vettura saret f'Mejju, 2015 u cioe' meta din waslet Malta u skonthom ir-rikorrent saq, spezzjona u ha l-vettura personalment ghat-tiswija. Ir-rikorrent ma jaqbilx u jinsisti li l-vettura giet ikkonsenjata lilu fl-10 ta' Marzu,

2016 meta din ittiehdet fil-garaxx tieghu mill-intimat La Rosa u jinsisti li dakinhar stess id-difetti gew innotati u ssenjalati lill-intimati, u anke bghat email dwar tali difetti.

Dwar il-kunsinna ta' hwejjeg mobbli, l-Artikolu 1380 tal-Kapitolu 16, Kodici Civili fil-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif isegwi:

> '1380. Il-kunsinna ta' ħwejjeġ mobbli ssir jew billi dawn il-ħwejjeġ jiġu mgħoddija f'idejn ix-xerrej, jew billi jingħataw f'idejh l-imfietaħ tal-lok fejn dawn il-ħwejjeġ mobbli jkunu qegħdin, jew billi jingħataw lilu d-dokumenti illi l-kunsinna tagħhom, skont il-liġi, issarraf daqs kieku ġew mogħtija l-ħwejjeġ li għalihom dawk id-dokumenti jirriferixxu, jew billi l-bejjiegħ iġiegħel li x-xerrej jiġi magħruf mill-persuni li fil-pussess tagħhom tkun tinsab il-ħaġa.'

L-artikolu kkwotat jelenka erba' (4) cirkostanzi fejn issehh il-kunsinja tal-mobbli b'dawn ikunu s-segwenti:

<u>i. jew billi jigu mghoddija f'idejn ix-xerrej:</u>

Illi skont il-ftehim tat-13 ta' Dicembru, 2014 (a fol. 225) il-vettura kellha tinghata lix-xerrej:

> '…in full working order and in good condition as stated on the report. Car is sold with registration and maltese plates registered as classic car paint job and rims included in price.'.

Il-vettura mal-wasla taghha Malta ma gietx ikkunsinjata lir-rikorrenti pero' kif ikkonferma l-intimat innifsu fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-vettura ttiehdet ghat-tiswija/restawr.

It-tiswija tal-vettura kienet wahda mill-obbligi tal-intimat sabiex il-ftehim jigi konkluz. Mhux biss, huwa ovvju li dakinhar tal-wasla lanqas il-kundizzjoni tal-pjanci Maltin ma kienet sodisfatta. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-kunsinna tal-vettura ghaddiet f'idejn ir-rikorrenti dakinhar tal-wasla hawn Malta. L-argument tal-intimat huwa ghalhekk wiehed legalment zbaljat.

ii. jew billi jinghataw f'idejn ix-xerrej l-imfietah tal-lok fejn ikun hemm l-mobbli:

Kif irrizulta mit-traskrizzjoni tal-konversazzjoni bejn il-partijiet bl-uzu tal-messaggi, lanqas jirrizulta li r-rikorrenti nghata l-imfietah tal-lok u dana peress li l-vettura tul iz-zmien kienet qieghda ghand diversi persuni. Mill-konversazzjoni jidher car li r-rikorrenti ma kellux access ghall-vettura tul iz-zmien u sahansitra bil-kemm kien jaf fejn kienet qed tinzamm.

iii. jew billi jinghataw lilu d-dokumenti, li ssarraf daqs li kieku gew moghtija l-hwejjeg mobbli:

Illi mill-atti jirrizulta li l-vettura ma gietx registrata fuq ir-rikorrent. Gie esebit kopja tal-'logbook' tal-vettura a fol. 222 tal-process minn fejn jirrizulta li d-data ta' l-ewwel registrazzjoni saret fit-30 ta' Novembru, 2015 u din saret fuq Welcome Autodealer. Dan in fatti gie kkonfermat fil-konversazzjoni li saret fit-2 ta' Dicembru, 2015 li kopja tat-traskrizzjoni taghha giet esebita fil-process a fol. 54 *et seq*. Hekk inghad bejn il-partijiet:

> 'Matthew GrechWednesday, December 2, 2015 at 9:18am UTC+01:

So another Monday has passed, no pics no email with the copy of logbook ! Whats going on clint ?

**<u>Clint La Rosa</u>** Wednesday, December 2, 2015 at 10:48am UTC+01:
Pics on their way matt

**<u>Clint La Rosa</u>** Wednesday, December 2, 2015 at 10:49am UTC+01:

Matthew GrechWednesday, December 2, 2015 at 11:05am UTC+01:
I was under the impression the log book came out under my name , why did i fill the forms ?

**<u>Clint La Rosa</u>** Wednesday, December 2, 2015 at 11:08am UTC+01:
Because you had to be present to put it on your name and importation papers where on showroom but its rwgistered ready . All you have to do is sign it and its on your name easier !!'.

Isegwi ghalhekk li lanqas ma jista' jigi argumentat li r-rikorrent nghata d-dokumenti tal-vettura b'tali mod li saret il-kunsinna tal-vettura.

<u>iv. jew billi l-bejjiegh igieghel lix-xerrej jigi maghruf mill-persuni li fil-pussess taghhom tkun tinsab il-haga:</u>

Mill-atti minn imkien ma rrizulta li l-intimat La Rosa gieghel lir-rikorrenti jigi maghruf mill-persuni li fil-pussess taghhom kienet il-vettura. Pjuttost mit-traskrizzjoni tal-konversazzjoni

rrizulta li l-persuni kollha li taw s-servizz taghhom fuq il-vettura kienu kollha b'kuntatt dirett mal-intimat La Rosa u mhux mar-rikorrenti Grech.

Stabbilit is-suespost, jirrizulta li l-vettura giet ikkunsinnjata fizikament lir-rikorrenti fl-10 ta' Marzu, 2016 meta l-intimat Clint La Rosa ha l-vettura lir-rikorrent. Dakinhar stess ir-rikorrent bghat email li giet esebita fil-process a fol. 223 fejn permezz taghha gharraf lill-intimat Clint La Rosa bid-difetti fil-vettura kif isegwi:

> 'Since the arrival of the Pontiac GTO in Malta in May 2015, today the 10th March 2016 you delivered the car to my garage with the below observations as witnessed by yourself also. …'

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-vettura giet effettivament ikkonsenjata lir-rikorrent nhar l-10 ta' Marzu, 2016. Il-kawza odjerna giet intavolata fis-6 ta' Gunju, 2016 cioe' entro t-terminu ta' sitt xhur stipulat mill-ligi. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**<u>It-tieni eccezzjoni preliminari dwar l-allegat eskluzjoni tal-garanzija ta' difetti latenti:</u>**

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni preliminari tieghu, l-intimati jsostnu li l-azzjoni hija mproponibbli peress li skonthom ir-rikorrent eskluda l-garanzija ta' difetti latenti u li subordinatament lanqas jezistu l-estremi tal-garanzija billi l-kuntratt huwa wiehed *sui generis*.

Illi sabiex tigi eskluza l-garanzija ta' difetti latenti, fil-ftehim irid jigi stipulat li l-intimati u/jew min minnhom m'humiex obbligati

ghal ebda garanzija. Fil-fatt l-artikolu 1426 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponi li:

> '1426. Iżda, huwa jwieġeb għad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il-każ, m'għandux ikun obbligat għal ebda garanzija.'

F'dan l-istadju l-Qorti tqis li jkun opportun li l-ftehim li gie milhuq bejn il-partijiet jigi kkwotat fl-interezza tieghu:

> '**<u>WELCOME AUTO DEALER</u>**
>
> **Deposit & Agreement Form**
>
> This document is to verify that Matthew Grech of id no: 241886(M) has paid a deposit of 9500 Euro for the car model:
>
> Pontiac firebird transam supercharged 1973 today the 13th December 2014.
>
> Total price of the car is 32000 Euros as agreed and payment of the total price minus the deposit, which is (€8000) Transit + 14500 Euros will be paid for upon arrival of the car.
>
> Seller holds responsibility that the car is delivered in full working order and in good condition as stated on the report. Car is sold with registration and maltese plates registered as classic car paint job and rims included in price
>
> Car sold as tale quale. (as it is)
>
> Seller Buyer'

Minn qari ta' dan il-ftehim minn imkien ma jirrizulta li gie eskluz l-obbligu tal-bejjiegh, ghal kwalunkwe tip ta' garanzija. Piuttost jirrizulta li l-intimati ggarantew li l-vettura ser tkun ikkunsinnata fi stat tajjeb ta' thaddim u f'kundizzjoni tajba hekk kif iddikjarat fir-rapport. Stranament ghalkemm issir referenza ghal xi tip ta' rapport, fl-atti ma giet prezentata l-ebda evidenza ta' dan ir-rapport. Jsegwi li mhux minnu dak eccepit mill-intimat La Rosa li l-garanzija ghad-difetti latenti giet eskluza. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad din il-parti tal-eccezzjoni in dezamina.

Jifdal li tigi trattata il-bqija tal-eccezzjoni dwar x'tip ta' kuntratt sar bejn il-partijiet, jekk hux wiehed ta' bejgh jew inkella wiehed *sui generis*. Id-differenza li taghmel bejn dawn iz-zewg tipi ta' kuntratti ssarraf fl-ghoti jew le tal-garanzija.

L-Artikoli 1346 u 1347 tal-Kodici Civili jistipulaw illi:

> 1346. Il-bejgħ hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti ħaġa lill-oħra bi prezz li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha.
>
> 1347. Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej.

L-intimati La Rosa et fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jikkummentaw fit-tul fuq din il-parti tal-eccezzjoni u jishqu li l-kuntratt kien wiehed *sui generis*. Jishqu li l-vettura qatt ma kienet

ta' l-intimati u l-irwol taghhom kien semplicement li jispezzjonaw u jirrimarkaw dwar il-qaghda tal-vettura. Jinsistu li l-kelma jitrasferixxi lanqas ma tezisti f'dan il-kaz billi l-vettura qatt ma kienet ta' l-intimat La Rosa biex jitrasferixxi lil Grech.

Illi l-Qorti tibda billi tirrimarka li mill-atti jirrizulta l-kuntrarju ta' dak li qed jigi sottomess mill-intimati. Mill-ftehim jirrizulta li bejn il-partijiet kien hemm qbil, kemm fuq l-oggett, kif ukoll fuq il-prezz. Inghad fid-decizjoni fl-ismijiet **Mario Testa -vs- Alfred Theuma et** deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri nhar it-12 ta' Mejju, 2003 illi l-bejgh huwa perfett meta hemm qbil fuq l-oggett u fuq il-prezz. Hekk inghad illi:

> 'In materja ta' bejgh, ex Artikolu 1347 tal-Kodici Civili, "la vendita` e' perfetta appena si conviene sulla cosa e sul prezzo" tant illi "la proprieta` dalla cosa venduta si trasmette al compratore al momento in cui segue la vendita" (Vol XX pIII p29). Huwa biss in rapport ghad-drittijiet tat-terzi illi fil-kaz ta' hwejjeg mobbli l-proprjeta` ma hijiex trasmessa hlief bit-"traditio" jew il-konsenja. (Art. 1381 tal-Kodici Civili; Vol XXXIII pI p670).'

Tant li l-kuntratt huwa wiehed ta' bejgh li l-intimati fil-ftehim iggarantew li l-vettura ser tinghata lir-rikorrenti fi stat tajjeb ta' thaddim u f'kundizzjoni tajba. L-allegazzjoni li kien ir-rikorrent li ghamel ir-ricerka fis-siti u sab il-vettura in kwistjoni ma tibdilx in-natura tal-kuntratt. Dan apparti dak li jirrizulta mill-atti li wara li r-rikorrent indika vettura sabiex din tinxtara, meta l-intimat telgha l-Amerika fil-fatt inxtrat vettura ohra ghaliex dik li indika r-rikorrenti kienet inbieghet. Huwa ovvju li f'kazijiet ta' xiri huwa x-xerrej li jrid jaghzel l-oggett li joghgob lilu fejn f'dan il-kaz il-

vettura li effettivament inxtrat giet indikata direttament lilu mill-intimat.

Dan premess il-Qorti tqis li mill-atti jirrizulta ulterjoment li l-kuntratt kien wiehed ta' bejgh mill-fatt li l-vettura ma gietx irregistrata fuq isem ir-rikorrent.  Il-Qorti tirrileva li dak li allega l-intimat mhux minnu li l-kelma jitrasferixxi lanqas tezisti tant li mill-messaggi bejn il-partijiet jirrizulta li din giet irregistrata f'isem is-socjeta' intimat u l-istess intimat La Rosa ndika lir-rikorrent li kellu jsir it-trasferiment sabiex din tigi fuqu. Dan ghaliex kif gia suespost, il-vettura giet registrata mill-intimati stess fuq Welcome Autodealer ta' Welcome Autodealer, Triq il-Mimosa, Pieta' (ara logbook a fol. 222 tal-process) u mhux fuq isem ir-rikorrenti Matthew Grech. Ghalhekk in vista ta' dawn il-konsiderazzonijiet legali kollha l-Qorti tqis li l-kuntratt huwa wiehed ta' bejgh u xejn aktar.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni fl-intier taghha.

**Eccezzjonijiet ulterjuri:**

**Il-hames u s-sitt eccezzjoni:**

Illi l-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi dwar il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux jaqra kif isegwi:

> 1424. Il-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur

tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom.

Illi l-intimati jressqu zewg difizi f'dan ir-rigward u cioe' li l-allegati difetti ma kienux latenti, kif ukoll li dawn l-allegati difetti m'humiex ta' natura li jimmeritaw l-effetti mitluba kif jirrikjedi l-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi minn harsa lejn dawn iz-zewg eccezzjonijiet jirrizulta li l-intimati nnifishom jikkonfermaw li fil-vettura mertu tal-kawza odjerna kien hemm xi difetti izda jinsisti li l-imsemmija difetti ma kienux mohbija b'tali mod li ma jimmeritawx l-effetti tal-Artikolu 1424.

Jirrizulta mill-atti li r-rikorrent Matthew Grech, meta giet ikkonsejnjata lilu l-vettura fl-10 ta' Marzu, 2016 hu kien bghat email (fol. 223 *et seq*) lill-intimat Clint La Rosa fejn permezz taghha ghadda lista ta' nuqqasijiet/difetti fil-vettura li skontu ma kienux kif pattwit. Jirrizulta ghalhekk li mal-konsenja r-rikorrenti mill-ewwel innota d-difetti u ghalhekk ma jistax jitqies li kienu difetti latent:

'Engine leaking oil.

The Engine still has a noise coming out of the right side head that has not been fixed, as initially observed and promised to be fixed when it was imported 9 months ago.

Dip stick not fitted correctly swapped out (not the one ordered) and short. No traces of oil on dip stick. It is useless to check the oil.

Front, right hand side fender needs respray, 15 cm gash observed. Car sprayed locally in these 9 months! Still waiting delivery

Interior, front seats bolted to car by one bolt!!!!! They have not been fitted properly.

Dash board half complete, agreement was to blacken out all dash and interior.

Rear quarter left hand side dislodged.

Rear end chrome cover rusted since the car has been on the island.

Booth: One of two Optima Battery missing claimed to be damaged by mechanic!!

Car is still pending VRT and Maltese plates.'

Illi dawn id-difetti, ohrajn, u l-kundizzjoni tal-vettura gew trattati mill-Perit Tekniku Natalino Agius. L-irwol originali tal-Perit Tekniku kien li jirrelata dwar il-kundizzjoni tal-vettura u dwar jekk jistax jikkonstata difetti fiha, u dwar jekk dawn id-difetti setghux ikunu maghrufa lix-xerrej prospettiv. Ir-rapport tal-Perit Tekniku gie pprezentat fit-2 ta' April, 2018 u mahluf fl-14 ta' Mejju, 2018 u jinsab a fol. 251 *et seq* tal-process. Bhala konkluzjoni huwa ghamel is-segwenti:

'***<u>Conclusion .</u>***

Whilst the vehicle was in USA the owners of the vehicle decided to modify the vehicle into a racing model . Inorder to accomplish this goal it was vital to modify the engine and the running gear [gear box and rear axel plus the body ] .This engine needed to be modified to have more power .In our case the engine has been totally replaced by another one so we lost the orignal engine which can never be fitted back . Although the present engine is not working well one can assume that it has been modified cause this is a must if the engine is to run on nitro Fuel. Inorder for the engine to run on nitro it has to have it's interior units strong enough to endure the stress involved .

As for the body and panels these needs to be as light as possible whilst it is compalsury to safe guard the driver so the owners removed as much as possible unitsand panels from the vehicle to loghten the body but fitted a very strong roll cage from the engine area extending to the interior on to the luggage boot. This made the vehicle strong enough to quailfy for racing purposes .

As explained above, there has been so many modifications, replacments and fittments that it is a too costly process to bring the vehicle with a similar model as indicated earlier in my report.

As one can clearly see from the above report, most of the modifications and damages could clearly be identified once the vehicle is seen and inspected'.

Illi in eskussjoni l-Perit Tekniku (a fol. 284) ghad-domanda in eskussjoni tar-rikorrenti: '*Inoltre, jaqbel il-Perit Tekniku illi l-analizi*

*tieghu hija pertinenti ghal bniedem specjalizzat fil-qasam?'* wiegeb fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2019 a fol. 287 *et seq* tal-process illi:

> '***Il-Qorti :***
> Aqrali t-tieni mistoqsija jekk joghgbok.
>
> ***Xhud :***
> In oltre jaqbel il-perit tekniku illi l-analizi tieghu hija pertinenti ghal bniedem specjalizzat fil-qasam.'

Illi minn dak li kkonstata l-Perit Tekniku Natalino Agius id-difetti u d-danni fil-vettura kienu rizultat tat-tibdil tal-uzu tal-vettura minn wiehed familjari ghal wiehed ta' tlielaq. Huwa jirrileva li dawn id-difetti kienu vizibbli, ghalkemm sussegwentement huwa kjarifika li dawn kienu vizibbli minn persuna teknika fil-qasam.

Il-Qorti tinnota li r-rikorrent Matthew Grech huwa dilettant sew ta' vetturi klassici. Kien ir-rikorrenti nnifsu li ghadda certu suggerimenti lill-intimat La Rosa kif ghandhom isiru certu korrezzjonijiet fil-vettura u dan anke sabiex ikunu skont il-gosti tieghu. Dan izda ma jaghmilx lir-rikorrenti tekniku fil-qasam. Il-Qorti tinnota li mid-difetti kollha li ghandha l-vettura l-akbar zewg difetti li jispikkaw u li skont ir-rapport tal-Perit Tekniku, ma ohrajn, jirrendu l-vettura fi stat ta' '*beyond economical repair*', huma –

(i) il-magna li giet varjata sabiex il-vettura tkun tista' tintuza ghat-tlielaq, u,

(ii) l-installazzjoni ta' roll cage fil-vettura – li permezz taghha tirrendi l-vettura mhux sigura ghall-uzu normali taghha.

Illi f'entrambi l-kazi l-Qorti tinnota li r-rikorrent kien jaf li l-vettura kellha dawn iz-zewg modifiki. Fil-fatt l-intimat La Rosa bghat erba' (4) videos tal-vettura meta kienet ghadha gewwa l-Istati Uniti, minn liema videos kemm il-magna, kif ukoll ir-roll cage kienu vizibbli.[1] Il-Qorti rat mill-konversazzjoni li ghaddiet bejn il-partijiet li r-rikorrent kien konxju li bil-modifiki li kien fiha l-vettura, kien hemm probabilita' li l-vettura ma tigix registrata. Hekk di fatti ntqal illi:

> '**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 1:27am UTC+01:
> u andu pontiac gto ta 73 al bejh wkoll 10.2 second car qalli
>
> Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 1:28am UTC+01:
> Nahseb ahjar ma torijuwlix
>
> Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 1:28am UTC+01:
> 10.2sec car ma jkunx tjb fi triq imma.
>
> **Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 1:27am UTC+01:
> Listess prezz ta u lest min kollox qalli ada nibatlek it tnejn li huma
>
> **Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 1:27am UTC+01:
> Street legal qalli
>
> …

[1] Videos huma mmarkati bhala video-1419021724.mp; video-1419021825.mp; video-1419032699.mp; u video-1419032935.mp

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 1:34am UTC+01:
Hehe vera vera il gro bir roll cage qed jajdli

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 1:34am UTC+01:
Gto sry

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 1:35am UTC+01:
Il gto la bir roll cage malta ma jadduhx nahseb

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 1:35am UTC+01:
Sakem ma tejdx linspetor jalaq noth eyes?

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 1:35am UTC+01:
Issa nara ada narah sew halli fidi

…

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 1:57am UTC+01:

Taf xi saqsieh pls il gto aparti li huwa street legal tjb biex jinstaq fut triq, jew ad dritt biss imur, ax malta ma tsntx andhna toroq minnhom

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 2:01am UTC+01:
Ha nara liema hu lahjar mit tnejn dan eccelenti jider

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 2:01am UTC+01:
Hekk jider, laqwa li jdur il corners, hu jaddi classic

…

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 9:36pm UTC+01:
U ta dan anka back seats andu u roll cage tinqala u kollox originali din one of 74000 cars made

…

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 9:46pm UTC+01:
Hu ir-roll cage jinqala hu jitwahhal ?

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 9:47pm UTC+01:
Andu kollox tijaw sa spolers haj tina kollox iva kul mandu weldjat bigtejn ma 2 pjanci jinqalaw

…

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 9:55pm UTC+01:
U dan ehfef biex naddi adt ax kollox kif suppost anka toqba as super charger jek trid andu

...

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 10:01pm UTC+01:
Intdan bilfors issa trid ittih risposta. Is supercharged iktar hot;)

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 10:02pm UTC+01:

Daqsu qed jitlob l-istess imma liehor andu naqa expenses min kliemu ha nistennieh nara liehor u nerga inkelmek

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 10:02pm UTC+01:

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 10:03pm UTC+01:
U dan classic 100 percent non smogible car !!!!

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 10:03pm UTC+01:
Perfett at triq licensed and all
...

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 10:04pm UTC+01:
Interior, seats ta wara  hu hekk andhu ? Minhabba ir-roll cage hu il wheel arches enlarged ?

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 10:05pm UTC+01:
Iva everythinggg

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 10:06pm UTC+01:
Kollox mahsub perfett

...

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 10:22pm UTC+01:

Jekk niehdu dan, biex nadduh naqlawlu ir-roll cage malta? Umbad nergaw inwahluwielu ?

...

**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 10:22pm UTC+01:
Le ma taqlalu xej kem nitfalu is seat wara u nattieh bil plastic gewwa

**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 10:23pm UTC+01:
Ir roll cage 12 point

**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 10:23pm UTC+01:
Sal magna tinzel ?

**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 10:23pm UTC+01:
Tamel wheely u jibqa dritt

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 10:23pm UTC+01:
Niprova nevita ;)

**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 10:24pm UTC+01:
Looll ueah right ?

**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 10:24pm UTC+01:

Nahseb ma tiprovajiex

**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 10:25pm UTC+01:

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 10:25pm UTC+01:

Heq nahseb inbirkuh ftit halfar,

**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 10:26pm UTC+01:

Hehe u zgur halijom ha jibqaw iccassati hehe

…

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 11:05pm UTC+01:

Imma mhux komplutt iktar hassle

**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 11:08pm UTC+01:

Hek hu jien hek qed nifima ax mux billi nixtruh malta irrid naddieh

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 11:08pm UTC+01:

P.s. Gto taddih classic ok ? no problems dan huxx

**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 11:09pm UTC+01:

Le no problems just the cage imma naddija ax la tinqala indurilom mal lewza u il karozza tohrog hek

…

**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 11:11pm UTC+01:
Iva mla sewwa mahsub perfett u street legal dik favurina
**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 11:12pm UTC+01:

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 11:12pm UTC+01:
Tajjeb ahjar, laqwa li jaddi rih ma tm
**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 11:12pm UTC+01:
Hek hu

…

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 11:19pm UTC+01:
Andhu in nitro bottle in the add, it is hooked up to the engine?

**<u>Clint La Rosa</u>** Friday, December 19, 2014 at 11:29pm UTC+01:
Le nitro qatt ma ntuza fdin il magna imma hem kollox hem rid intik surprise hehe , in nitro sustem hem qeda imma maqluwa kem timla il bott twahhal il pipes your good to go

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 11:30pm UTC+01:
Christmas came early:-D

**Clint La Rosa** Friday, December 19, 2014 at 11:31pm UTC+01:
Hehe bin nitro jitla vicin 800 hp ax 3 stage :p

Matthew GrechWednesday, December 19, 2014 at 11:31pm UTC+01:
Tjb magna vegni min nitro, laqwa li larmar ied hemm umbad naraw narmawx ahna il quddiem

…

Matthew GrechWednesday, October 7, 2015 at 3:09pm UTC+01:
Ma kellux jaqtaw bta li mid li jarga jehel clint !!!!!

**Clint La Rosa** Wednesday, 7 October, 2015 at 3:10pm UTC+01:
iva matt issa ha jiweldja bicciet ohra biex inwahluh bil viti

**Clint La Rosa** Wednesday, 7 October, 2015 at 3:10pm UTC+01:
wait and see

Matthew GrechWednesday, October 7, 2015 at 3:11pm UTC+01:
Aa ok ax kont ha naqa mis siggu laqwa li jaf xinhu jamel

**Clint La Rosa** Wednesday, 7 October, 2015 at 3:11pm UTC+01:
first priority adt 8 eur license

**<u>Clint La Rosa</u>** Wednesday, 7 October, 2015 at 3:11pm UTC+01:
Le jaf xinhu jamel ax amilt xi sia nispjegalu u habba adt qalli halli fidi

**<u>Clint La Rosa</u>** Wednesday, 7 October, 2015 at 3:12pm UTC+01:
Anka ha jamila btalimod li anka al vrt inkunu nistaw inzarmawa suppost

Matthew GrechWednesday, October 7, 2015 at 3:12pm UTC+01:
Ok laqwa li jaf'.

Minn dawn il-messaggi jirrizulta li r-rikorrenti kien jaf li sabiex il-vettura tinghatalha l-licenzja biex tinstaq f'Malta bhala 'vintage' probabilment kien ser ikun bzonn ammont konsiderevoli ta' xoghlijiet, fosthom il-possibilita li ser ikollha tigi mnehhija r-roll cage, sakemm kif qallu l-intimat ma jahbihiex jew l-ispettur jaghlaq ghajnejh! Kien ukoll jaf li minghajr dawn ix-xoghlijiet l-vettura ma kinitx tghaddi u tigi regolari skont il-ligijiet u regolamenti ta' Malta. Li ma kienx jaf zgur ir-rikorrenti kien kif ser isiru x-xoghlijiet mill-persuni ngaggati mill-intimati sabiex jaghmlu l-alterazzjonijiet u t-tiswijiet. Jirrizulta ghalhekk li ghalkemm ir-rikorrent seta' jipprevedi li kellhom isiru xi xogholijiet zgur li ma setax jipprevedi li uhud mix-xogholijiet li saru f'Malta qabel il-vettura giet konsenjata lilu ma kienux ser isiru sew.

Il-Qorti ghalhekk tqis li ghalkemm l-istat tal-vettura fl-Amerika kien not b'xi mod lir-rikorrent, ir-rikorrent qatt ma seta' jkollu konjizzjoni tal-istat tal-vettura waqt li din kienu qed isirulha x-

xoghlijiet f'Malta stante li dawn kienu nkarigati minnhom l-istess intimati u mhux ir-rikorrent. Jirrizulta ghalhekk li tul dak iz-zmien ir-rikorrent ma setax jiehu konjizzjoni ta' dak li kien qed isir u d-difetti li kienu qed jizviluppaw f'dak il-perjodu ta' madwar sena u nofs, ghar-rikorrent kienu mohbija. Seta' biss isir jaf bihom fil-mument li l-vettura giet ikkonsenjata lilu. Huwa f'dan is-sens biss li l-hames u s-sitt eccezzjoni tal-intimati ma jimmeritawx li jigu milqugha.

**<u>It-tieni talba – ksur tal-kundizzjonijiet pattwiti:</u>**

Illi apparti t-talba sabiex jigi dikjarat li l-vettura Pontiac GTO Coupe 1974 kienet afflitta minn difetti li ma jidhrux, ir-rikorrent ressaq ukoll talba sabiex jigi dikjarat li l-intimati jew min minnhom kisru l-kundizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet dwar il-bejgh u l-kunsinna tal-vettura msemmija.

Il-Qorti tinnota li tul il-konversazzjoni bejn ir-rikorrent u l-intimat, dan tal-ahhar dejjem assikura lir-rikorrent li l-vettura ser tinghata lilu bin-numri ta' registrazzjoni ta' Malta u bir-registrazzjoni taht il-kategorija ta' vettura klassika. L-intimat La Rosa dejjem assikura lir-rikorrent li bil-modifiki li ser isiru fil-vettura, din ser tigi konformi mal-istandards u r-regolamenti ta' Malta. Dan jirrizulta mhux biss mill-konversazzjonijiet li ghaddew bejn il-partijiet, izda wkoll mill-istess ftehim iffirmat fit-13 ta' Dicembru, 2014 (fol. 225) gia kwotat aktar il' fuq.

Illi kif irrizulta mir-rapport tal-Perit Tekniku, huwa bil-wisq difficli li l-vettura mertu tal-kawza odjerna terga' tigi fl-istat originali taghha. Jirrizulta wkoll l-magna li tinsab fuq il-vettura ma tahdimx sew:

> ‘Although the present engine is not working well one can assume that it has been modified cause this is a must ...’.

In oltre jirrizulta wkoll li l-vettura nghatat lir-rikorrent minghajr pjanci ta’ Malta u minghajr VRT (ara email a fol. 223 tal-process). Mir-ritratti esebiti fl-atti a fol. 264 *et seq* tal-process lanqas ma jirrizulta li l-vettura ghandha pjanci ta’ Malta. Ukoll mill-log book tal-vettura a fol. 222 tal-process jirrizulta li apparti li l-vettura ghadha tidher fuq is-socjeta’ ntimata jirrizulta wkoll li l-vettura hija ‘*garaged*’.

La darba jirrizulta li l-vettura ma nghatatx lir-rikorrent fi stat ta’ thaddim tajjeb u f’kundizzjoni tajba u bil-pjanci ta’ Malta u l-VRT, jirrizulta sufficjentement pruvat lill-Qorti li l-kundizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet fil-ftehim bil-miktub ta’ bejniethom ma gewx kollha sodisfatti. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa’ din it-talba.

**Ir-raba’ talba - danni:**

Fir-raba’ talba tieghu r-rikorrenti talab li l-Qorti tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ghandhom iwiegbu ghad-danni, tillikwida l-istess danni u tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-istess danni hekk likwidati u l-ispejjez.

Dwar dan l-intimati fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom jargumentaw illi sabiex jigu likwidati danni a favur ir-rikorrent, d-difetti kellhom ikunu latenti u dan ai termini tal-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta). Jishqu li f’dan il-kaz id-difetti kienu gew esposti u diskussi bejn il-partijiet b’hekk mhux biss ma kinux latenti izda r-rikorrenti kien jaf bihom.

Jsostnu wkoll li fil-provi ma tressqet l-ebda evidenza dwar dawn l-allegati danni.

Illi stante li din il-kawza hija l-*actio redibitorja*, il-Qorti tifhem li t-talba ghal-likwidazzjoni tad-danni hija proprju bbazata fuq is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jitratta danni rizultanti meta l-bejjiegh kien jaf bid-difetti. Hekk jaqra s-sub-artikolu illi:

> '1429. (1) Jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda wkoll li jħallas id-danni lix-xerrej.'

Minn qari ta' dan l-artikolu huwa car li sabiex jigu likwidati danni ai termini ta' dan is-sub-artikolu, d-difetti tal-haga mibjugha kellhom ikunu mistura mix-xerrej. Kif gia espost il-kundizzjoni tal-vettura fl-Amerika kien ben not lir-rikorrent u ghalhekk ma kienx latenti izda dak li sarilha f'Malta gie biss a konjizzjoni tar-rikorrent mal-konsenja taghha. Madanakollu mill-atti jirrizulta li lanqas dwar dawn tal-ahhar ma tressqu xi provi dwar dawn l-allegati danni u li jistghu jmorru oltre l-likwidazzjoni u l-ordni sabiex tithallas lura s-somma mhallsa mill-intimat lir-rikorrent. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax tghaddi sabiex tillikwida danni ai termini ta' dan l-artikolu u ser tghaddi sabiex tichad ir-raba' talba.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimati dwar il-legittimu kontradittur;

2. Tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimati dwar il-preskrizzjoni;

3. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

4. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara illi l-vettura mibjugha lir-rikorrent, cioe' dik tal-ghamla Pontiac GTO Coupe 1974, giet konsenjata lilu aflitta minn difetti, fosthom dawk li ma setghux jidhru, illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba;

5. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tiddikjara inoltre illi l-intimati kisru l-kundizzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet dwar il-bejgh u l-kunsinna tal-vettura tal-ghamla Pontiac GTO Coupe 1974;

6. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u tirrexindi l-bejgh tal-istess vettura u konsegwentement tawtorizza lir-rikorrent jrodd lill-intimati l-vettura tal-ghamla Pontiac GTO Coupe 1974, b'dan li l-Qorti qed tikkundanna lill-intimati jroddu lura lir-rikorrent is-somma ta' sebgha u ghoxrin elf Ewro (€27,000), ossia d-depozitu imhallas mir-rikorrent lill-intimati;

7. Tichad ir-raba' talba.

Bl-imghaxijiet fuq l-ammont dovut mill-intimati lir-rikorrenti skont il-ligi mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Settembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Settembru, 2021**